32006R0400

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 400/2006

tat-8 ta' Marzu 2006

li jikkonċerna l-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni tad-Dwana[1] b'mod partikulari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, jeħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-oġġetti msemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 jistipula r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija bbażata, totalment jew parzjalment fuq in-Nomenklatura Magħquda jew li żżid magħha kwalunkwe subdiviżjoni addizzjonali u li hija stabbilita permezz ta' dispożizzjonijiet Komunitarji speċifiċi, bil-ħsieb li jiġu applikati tariffi u miżuri oħrajn li għandhom x'jaqsmu mal-kummerċ tal-oġġetti.

(3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, l-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella mniżżla fl-Anness għal dan ir-Regolament għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċijiet tan-NM indikati fil-kolonna 2, bis-saħħa tar-raġunijiet mniżżla fil-kolonna 3 ta' dik it-tabella.

(4) Huwa xieraq li ssir dispożizzjoni li informazzjoi tariffarja vinkolanti li tkun inħarġet mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri fir-rigward tal-klassifikazzjoni tal-oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda, iżda li mhiex skont dan ir-Regolament tista', għal perjodu ta' tliet xhur, tkompli tkun invokata mid-detentur, skont l-Artikolu 12(6) tar-

[1] ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 267/2006 (ĠU L 47, 17.2.2006, p. 1).

Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità[2].

(5) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella mniżżla fl-Anness għandhom ikunu kklassifikati fi ħdan in-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċijiet tan-NM indikati fil-kolonna 2 ta' dik it-tabella.

Artikolu 2

Informazzjoni tariffarja vinkolanti maħruġa mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li mhiex skont dan ir-Regolament, tista' tkompli tkun invokata għal perjodu ta' tliet xhur skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 8 ta' Marzu 2006.

Għall-Kummissjoni

László KOVÁCS

Membru tal-Kummissjoni Membru tal-Kummissjoni

[2] ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 648/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 117, 4.5.2005, p. 13).

ANNESS

Id-deskrizzjoni tal-oġġetti	Il-klassifikazzjoni (Il-kodiċi tan-NM)	Ir-raġunijiet
1. Sett imtella' għall-bejgħ bl-imnut li jikkonsisti minn: – Apparat diġitali li jinġarr għar-rekordjar u għar-riproduzzjoni tal-ħoss li jaħdem bil-batteriji, u li għandu l-komponenti li ġejjin f'unità waħda: Sistema elettronika ta' sinjalazzjoni li għandha konvertitur diġitali/analogu, memorja flash, buttuni tal-kontroll, kompartament għall-batterija, plakka għall-USB u konnettur għall-kuffji tar-ras; – Riċevitur tax-xandir tar-radju li jaħdem bil-batteriji, li għandu l-*earphones* b'kejbil għall-konnessjoni, – Kejbil tal-USB, – CD-ROM u – manwal. L-apparat diġitali għar-rekordjar u għar-ripproduzzjoni tal-ħoss jirrekordja l-ħoss fil-format MP3 u jista' jiġi konness ma' makkinarju awtomatiku li jipproċessa d-dejta permezz ta' USB port sabiex wieħed iniżżel jew itella' l-MP3 jew formati oħrajn. Jista' wkoll jirrekordja l-leħen. Il-kapaċità ta' ħżin hija ta' 128 MB. Ir-riċevitur għax-xandir tar-radju jista' jaħdem waħdu.	85209000	Il-klassifikazzjoni hija determinata mir-Regoli Ġenerali 1, 3(b) u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda kif ukoll bil-kliem tal-Kodiċijiet tan-NM 8520 u 85209000. L-apparat diġitali għar-rekordjar u għar-riproduzzjoni tal-ħoss jagħti lis-sett kollu l-karattru essenzjali tiegħu.
2. Apparat li jinġarr u jaħdem bil-batteriji għar-riċeviment tax-xandir tar-radju kkombinat fl-istess unità mal-apparat għar-rekordjar u għar-	85271399	Il-klassifikazzjoni hija determinata mir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-

riproduzzjoni tal-ħoss. Dan fih l-elementi li ġejjin: – memorja flash, – Mikroproċessur fl-għamla ta' ċirkuwiti integrati (ċipep), – Sistema elettronika, inkluż amplifikatur tal-awdjo-frekwenza, – display LCD, – tuner tar-radju u – buttuni tal-kontroll. Il-mikroproċessur huwa programmat għall-użu tal-format MP3. L-apparat fih konnetturi sterjo għall-kuffji tar-ras u tal-widna kif ukoll konnettur għall-kontroll remot. Jista' jiġi konness ma' makkinarju awtomatiku għall-ipproċessar tad-dejta permezz ta' USB port sabiex wieħed ikun jista' jniżżel jew itella' l-MP3 jew formati oħra.. Jista' wkoll jirrekordja l-leħen. Il-kapaċità ta' ħżin hija ta' 128 MB.		Nomenklatura Magħquda, u bil-kliem tal-kodiċijiet tan-NM 8527, 852713 u 85271399. Il-klassifikazzjoni hija bbażata fuq il-kliem tal-intestatura 8527; apparat ta' riċeviment għax-xandir tar-radju kemm jekk huwa kkombinat fl-istess unità, ma' apparat għar-rekordjar jew għar-riproduzzjoni tal-ħoss u kemm jekk mhux.
3. Karretta tal-golf bil-mutur, bi frejm tubulari tal-aluminju, fuq ir-roti , b'siġġu għall-użu meta l-karretta ma tkunx miexja u manubriju. Huwa makkinarju kontrollat min-nies miexja. Il-mekkaniżmu ta' kontrolli li jħaddem il-karretta tal-golf jinsab fuq il-manubriju. Il-karretta tal-golf għandha veloċità massima ta' 6,5 km/h u hija mgħammra b'mutur ta' 24 volts li jaħdem bil-batterija.	87049000	Il-klassifikazzjoni hija determinata mir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, u l-kliem tal-kodiċijiet tan-NM 8704 u 87049000. Il-karretta tal-golf tħalliet barra mill-intestatura 8703 għax ma tistax iġġorr persuna. Barra minn hekk, tħalliet barra mill-intestatrua 8709 għax mhix tat-tip li tintuża fil-

[3] Ir-ritratt huwa purament għall-informazzjoni.

Hija ddisinjata biex iġġorr basket wieħed bil-bsaten tal-golf. (Ara r-ritratt)[3]		fabbriki, fl-imħażen, fiż-żoni tal-baċiri jew fl-ajruporti għall-ġarr tal-oġġetti f'distanza qasira. L-użu ewlieni tagħha hu ta' vettura li tintuża fuq il-korsa tal-golf biex iġġorr il-basktijiet tal-golf.
4. Apparat multifunzjonali li kapaċi jwettaq il-funzjonijiet li ġejjin: – skannjar – stampar bil-lażer, – ikkuppjar bil-lażer (proċess indirett). L-apparat, li fih bosta trejs li jieħdu l-karti, huwa kapaċi jirriproduċi sa 40 karta A4 kull minuta. L-apparat jaħdem jew waħdu (bħala kopjatur) jew flimkien ma' makkinarju awtomatiku li jipproċessa d-dejta jew f'netwerk (bħala stampatur, skanner jew kopjatur).	90091200	Il-klassifikazzjoni hija determinata mir-Regoli Ġenerali 1, 3(c) u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, Nota 5(E) tal-Kapitolu 84 u bil-kliem tal-kodiċijiet tan-NM 9009 u 90091200. L-apparat għandu bosta funzjonijiet u l-ebda waħda mhi meqjusa li tagħti lill-prodott il-karattru essenzjali tiegħu.